MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Talba Numru. 513/2003

**Fino Ferramenta Limited**

**Vs**

**Martin Agius**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm192.06c (mija u tnejn u disghin lira Maltin u sitt centezmi) rapprezentanti bilanc fuq prezz ta' merkanzija minnu ordnata u debitament ikkonsenjata skond kif jidher mill-prospett anness ma' l-Avviz u mmarkat Dok. A.

Interpellat sabiex ihallas (Dok. B), il-konvenut baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-30 t'Ottubru, 2002 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------